***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 250 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar il-mansjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**

Fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li nżammet fit-12 ta' Awwissu 2019, l-Onor. Jason Azzopardi talab liċ-*Chairperson* tal-Kumitat:

> "**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Mela jien qed nitlob *ruling* lill-Ispeaker sabiex jiġi ċċarat jekk il-kliem li hemm f'artikolu 60 tad-Development Planning Act, Kap. 552, *"any other matter referred to it in terms of the Environment Protection Act"* ifissirx li Membru ta' dan il-Kumitat għandu d-dritt jitlob li tiġi diskussa materja marbuta mal-artikolu 3 tal-Environment Protection Act, biex ikun hemm diskussjoni u mhux deċiżjoni fi ħdan dan il-Kumitat, bħal pereżempju l-allegazzjoni li tneħħiet l-aċċessibilità ta' ċerti dettalji ta' applikazzjonijiet pendenti mill-*website* tal-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll ir-*rural policy* tal-istess Awtorità. Dawk tajthom bħala eżempju biex inkun oġġettiv.
>
> Din it-talba tiġi kkomunikata lil Mr Speaker u mbagħad naraw."

L-Onor. Godfrey Farrugia ssekonda lill-Onor. Azzopardi fit-talba tiegħu għal dan ir-*ruling*.

It-talba tal-Onor. Azzopardi saret b'reazzjoni għal dak li qal iċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Alex Muscat, fil-laqgħa msemmija, u nikkwota:

> "**ONOR. ALEX MUSCAT:** Nistgħu ngħaddu għat-tieni *item* għad-diskussjoni li hemm fuq l-aġenda "*Partial Local Plan Review of the North West Malta Local Plan 2006 – Site at Ta' Kalċ Area Dingli*". Għandna daqsxejn problema minħabba li ġibdilna widnejna darbtejn l-Ispeaker meta ma mxejniex mal-liġi li tirregola dan il-Kumitat. Id-direzzjoni li kien tana l-Ispeaker kienet li meta rridu nagħmlu xi ħaġa li toħroġ lil hinn mill-kompetenza tagħna, l-ewwel għandha titressaq riżoluzzjoni fil-Parlament sabiex il-Parlament jagħtina l-awtorità li ma nimxux mal-liġi li waqqfet dan il-Kumitat. F'dan is-sens hemm żewġ *rulings*; *ruling* minnhom ingħata fil-leġiżlatura li għaddiet u *ruling* ieħor ingħata f'din il-leġiżlatura. It-tieni *ruling* kont tlabtu jien stess. Il-parir tal-Ispeaker huwa li sabiex il-Kumitat ma jimxix mal-liġi li waqqfitu, dak il-poter għandu jagħtihulu l-Parlament wara li tiġi *tabled* riżoluzzjoni f'dak is-sens."

Hawnhekk l-Onor. Jason Azzopardi qal:

> "**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Jien għamilt talba sabiex il-Kumitat jiddiskuti – mhux biex jieħu deċiżjoni, mhux biex jagħti ordni, imma biex ikun hemm diskussjoni fil-Kumitat – jekk dawk ir-rapporti li dehru fil-mezzi tax-xandir fl-aħħar ġimgħat, anke f'Mejju li għadda u l-ġimgħa li għaddiet fil-midja lokali – tajjeb jew ħażin, mhux se nidħol fil-mertu għax mhux qed niddiskutu l-*item* – li kien hemm ċertu tibdil fl-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-*website* tal-Awtorità tal-Ippjanar, humiex minnhom jew le, għalfejn, mhux għalfejn eċċ. Dak kien l-iskop tiegħi.
>
> Il-President tal-Kumitat qed jgħidli li biex niddiskutu – mhux biex niddeċiedu jew biex nagħtu ordni – tali materja fi ħdan il-Kumitat tal-Ambjent u l-Ippjanar għandi bżonn immur fil-Plenarja, nipproponi mozzjoni biex il-Kumitat ikun awtorizzat jiddiskuti xi ħaġa li qiegħda fid-dominju pubbliku? Għidli jekk hux qed nifhem ħażin, għax fil-każ naħseb li m'aħniex qegħdin fuq l-istess *wavelength*."

Aktar tard fl-istess laqgħa, l-Onor. Jason Azzopardi qal:

> "**ONOR. JASON AZZOPARDI:** M'għandix dubju li ċ-*Chairperson* irid jimxi skont il-liġi u m'għandix dubju li ċ-*Chairperson* irid jimxi skont ir-*ruling* tal-Ispeaker għax ir-*ruling* tal-Ispeaker, tħobb jew ma tħobbx dak ir-*ruling*, huwa *ruling*. Però li qed nipprova ngħid jien huwa li naħseb li qegħdin nagħmlu interpretazzjoni ħażina tar-*ruling* tal-Ispeaker. Għalhekk, jien qed nissuġġerixxi dan l-argument. U l-Onor. Farrugia għandu raġun – u għandi nemmen li jien għandi raġun – għax b'dik l-interpretazzjoni tiegħek se noqtlu lil dan il-Kumitat u se niġu esposti għar-redikolu, xi ħaġa li ma naħsibx li xi ħadd iridha.
>
> Sur President, inti, *rightly so,* għedt li dan il-Kumitat huwa mwaqqaf bil-liġi. *Granted.* Il-liġi – u biex inkun testwali qed nirreferi għal artiklu 60 tad-Development Planning Act – tgħid hekk:
>
> > *"The Standing Committee shall discuss any strategy, plan or policy referred to in terms of articles 46 and 53 and any other matter referred to it in terms of the Environment Protection Act...*"
>
> Meta tara l-Environment Protection Act issib li l-artikolu 3, li meta ddiskutejnieh fil-Plenarja tliet snin ilu tgħidx kemm domna ngħidu li hu artikolu sabiħ, jgħid hekk:
>
> > "*It shall be the duty of every person and entity, whether public or private, to protect the environment, and to assist in the taking of preventive and remedial measures, to protect the environment and manage natural resources in a sustainable manner.*"
>
> Jekk dak l-artiklu qed jagħti *duty* lil "*every person*", kemm aktar għandu dritt Membru Parlamentari, hu min hu jew hi min hi, li jġib għall-attenzjoni tal-Kumitat xi ħaġa li qiegħda fid-dominju pubbliku u li hija intrinsikament ta' natura ambjentali?!"

Hawnhekk iċ-*Chairperson,* l-Onor. Alex Muscat, irrisponda hekk:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Ispeaker għamilha ċara kif irridu nimxu u jien beħsiebni nimxi mar-*ruling* li tana l-Ispeaker. M'hemmx id-dewmien li qed jingħad għax tafu li bi qbil, mozzjoni … Jekk il-Parlament jawtorizzana biex niddiskutu kwalunkwe suġġett, aħna nistgħu niddiskutuh liberament. L-Ispeaker ma qalx li l-Kumitat ma jistax jitkellem, imma l-Ispeaker fir-*ruling* tiegħu ggwidana dwar xi rridu nagħmlu biex ikunu jistgħu jiġu diskussi s-suġġetti li qed issemmu intom, li ma joħorġux mil-liġi, jiġifieri li ma jkunux referuti lilna mill-ERA jew mill-Awtorità tal-Ippjanar, jew mingħand il-Ministru jew Ministri kkonċernati. Fir-*ruling* – u jien beħsiebni nimxi ma' dak ir-*ruling* u nitlobkom tirrispettaw ir-*ruling* tal-Ispeaker – hemm il-proċedura li rridu nimxu biha biex fil-Kumitat niddiskutu kwalunkwe suġġett li tkunu tixtiequ li jiġi diskuss hawnhekk u li jkun joħroġ lil hinn mil-liġi li waqqfet dan il-Kumitat. Hekk kwalunkwe suġġett jiġi diskuss bla inkwiet ta' xejn u bla problemi ta' xejn, kif għamilna f'istanzi oħrajn. Kif tafu intom ilkoll, jien ma ddejjaqt xejn li niddiskutu l-materja li jkun hemm bżonn f'dan il-Kumitat meta kien hemm talbiet sabiex issir diskussjoni."

Fil-kunsiderazzjoni tagħha, is-Sedja tagħmel referenza għal numru ta' *rulings* li tat fuq il-poteri ta' dan il-Kumitat.

Il-mansjoni tal-Kumitat ġiet trattata f'żewġ *rulings* li ngħataw fit-Tnax-il Leġiżlatura, preċiżament fis-seduta 25 tat-3 ta' Ġunju 2013 u fis-seduta 130 tas-17 ta' Marzu 2014. Fiż-żewġ każijiet ċitati, meta l-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kien imwaqqaf skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 34 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 504, is-Sedja nnutat illi s-setgħat tal-Kumitat kienu, u nikkwota:

> "(2) Il-Kumitat Permanenti għandu:
>
> (a) jagħmel reviżjoni ta' kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew riġettat;
>
> (b) jiddiskuti kull rapport riferut lilu mill-Ministru li għandu x'jaqsam mal-pjan ta' struttura jew kull reviżjoni ta' dak il-pjan;
>
> (ċ) jiddiskuti kull pjan jew *policies* oħra riferita lilu mill-Ministru u tirrapporta fuqu lill-Parlament."

Fiż-żewġ *rulings* is-Sedja ikkunsidrat x'materji jista' jiddiskuti l-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Fiż-żewġ każijiet enfasizzat illi dawn riedu jaqgħu fil-limiti tal-Artikolu 34 tal-Att li waqqaf il-Kumitat, u fir-*ruling* mogħti fis-17 ta' Marzu 2014 żiedet illi s-setgħat setgħu jiġu mwessgħa permezz ta' mozzjoni fil-Kamra, u ser nikkwota:

> "U jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hemm qbil fil-Kamra li, *notwithstanding* dak li hemm miktub fil-liġi, jagħti poter addizzjonali lill-istess Kumitat biex tkompli tiġi diskussa l-istess materja, anke wara d-diskussjoni fil-plenarja, dak huwa mod kif wieħed jista' jwessa' l-poteri tal-Kumitat. Jiġifieri b'awtorizzazzjoni mill-Kamra kollha u mhux mill-membri tal-istess Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp..."

Tajjeb li nirrileva li fil-perjodu miż-żewġ *rulings* ċitati il-funzjonijiet ta' protezzjoni tal-ambjent u ppjanar tal-iżvilupp nqasmu fuq żewġ liġijiet distinti, ċjoè l-Kap. 549 – Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u l-Kap. 552 – Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Konsegwentement, is-setgħat tal-Kumitat Permanenti għall-Ambjent u l-Ippjanar imxew f'Artikolu 60 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, li llum jaqra hekk:

> "**60.** (2) Il-Kumitat Permanenti għandu jiddiskuti kull strateġija, pjan jew *policy* riferuti lilu skont l-artikoli 46 u 53 u kull ħaġa oħra riferuta lilu skont l-Att għall-Protezzjoni tal-Ambjent u jipprepara rapport u dan ir-rapport għandu jiġi riferut lill-Kamra tad-Deputati u lill-Ministru."

Wara li għadda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp ingħata *ruling* ieħor li jittratta s-setgħat tal-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u dan fis-seduta 193 tal-5 ta' Frar 2019. F'dan ir-*ruling* is-Sedja kkwotat l-Artikolu 60 u għamlet referenza wkoll għal:

i. l-artikolu 46(3) tal-istess Att minn fejn joħroġ li l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu fi żmien xahar jiddiskuti l-mozzjoni għal riżoluzzjoni li l-Istrateġija Spazjali tiġi approvata mill-Kamra tad-Deputati, l-abbozz tal-Istrateġija Spazjali li jkun ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u

l-kummenti kollha magħmula lill-Kunsill Eżekuttiv fil-perjodu ta' konsultazzjoni speċifikat fl-atrikolu 45(2)(a); u

ii. l-artikolu 53(2)(b)(iii) minn fejn joħroġ li l-Kunsill Eżekuttiv għandu jirreferi l-abbozz tal-*policy* jew pjan sussidjarju jew reviżjoni tiegħu lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp stabbilit bl-artikolu 60 għall-iskrutinju effettiv tiegħu, liema Kumitat għandu jħejji rapport fil-perjodu ta' konsultazzjoni speċifikat fis-subparagrafu (ii) u jirreferih lill-Kunsill Eżekuttiv.

Fl-istess *ruling* is-Sedja għamlet ukoll referenza għat-Tielet Skeda tal-istess Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp li telenka l-pjanijiet u l-*policies* li jkunu mressqa quddiem il-Kumitat Permanenti skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 60 u tikkwota:

> "(a) dawk il-pjanijiet u *policies* li jirreferu għall-art li tinsab barra minn żona ta' żvilupp kif definit fl-Istrateġija Spazjali jew fi pjanijiet oħra;
> (b) dawk il-pjanijiet u *policies* li jirregolaw esklussivament il-limitazzjonijiet tal-għoli u r-restrizzjonijiet fuqhom;
> (ċ) pjanijiet lokali, minbarra emendi minuri ta' dawn l-istess pjanijiet;
> (d) *policies* li għandhom x'jaqsmu ma' u li jirregolaw ċertifikati ta' konformità."

Is-Sedja kompliet tara fejn issir referenza għall-Kumitat Permanenti f'dan l-istess Att u tikkwota l-paragrafu 53(2)(e):

> "... jirreferi l-emendi [li jkunu sarulu għall-abbozz tal-pjan jew *policy* sussidjarju] lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għall-iskrutinju effettiv tiegħu, liema Kumitat għandu jipprepara rapport ġdid, jekk meħtieġ, u jirreferih lill-Kunsill Eżekuttiv;".

Fil-paragrafu 53(2)(g) insibu li:

> "(g) meta l-Ministru jaqbel mal-abbozz finali tal-pjan jew *policy* sussidjarju jew reviżjoni tagħhom, huwa għandu japprovah kif ippreżentat mill-Kunsill Eżekuttiv u għandu jirreferih lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp fejn japplika skont l-Iskeda III ta' dan l-Att …

kif ċitata aktar kmieni f'dan ir-*ruling*),

> …biex jagħmel skrutinju effettiv tiegħu. Il-Kumitat għandu jiddiskuti l-pjan jew *policy* sussidjarju jew reviżjoni tagħhom fi żmien xahar u jagħmel rapport lill-Kamra sa mhux aktar tard minn xahar minn meta jkun iddiskuta l-pjan jew *policy* sussidjarju. Il-Kumitat għandu jgħaddi kopja tar-rapport lill-Ministru."

Fil-paragrafu 53(2)(i) insibu dan li ġej:

> "… il-Ministru għandu jirreferi l-abbozz finali kif rivedut tal-pjan jew *policy* sussidjarju jew reviżjoni tagħhom lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp fejn japplika skont l-Iskeda III ta' dan l-Att biex jagħmel skrutinju effettiv tiegħu. Il-Kumitat għandu jiddiskuti l-pjan jew *policy* sussidjarju jew reviżjoni tagħhom fi żmien xahar u jagħmel rapport lill-Kamra sa mhux aktar tard minn xahar minn meta jkun iddiskuta l-pjan jew *policy* sussidjarju. Il-Kumitat għandu jgħaddi kopja tar-rapport lill-Ministru."

Fil-paragrafu 53(3)(b) jingħad ukoll li:

> "(b) [il-Kunsill Eżekuttiv għandu] jikkonsulta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp stabbilit bl-artikolu 60, dwar l-intenzjoni li jitħejja avviż ta' rtirar ta' pjan jew *policy* sussidjarju, liema Kumitat għandu jħejji stqarrija ta' pożizzjoni fil-perjodu ta' konsultazzjoni speċifikat fil-paragrafu (*a*);".

Fil-paragrafu 53(3)(d) insibu dan li ġej:

> "(d) wara li jirċievi l-istqarrija ta' pożizzjoni u dokumenti mill-Kunsill Eżekuttiv, il-Ministru għandu jirreferihom lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp fejn japplika skont l-Iskeda III ta' dan l-Att biex jagħmel skrutinju effettiv tiegħu. Il-Kumitat għandu jiddiskutihom fi żmien xahar u jagħmel rapport lill-Kamra sa mhux aktar tard minn xahar minn meta jkun iddisutihom. Il-Kumitat għandu jgħaddi kopja tar-rapport lill-Ministru."

Is-Sedja tinnota li fit-talba tiegħu l-Onor. Jason Azzopardi għamel referenza għal dak li jgħid l-artkolu 60 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp li jitkellem dwar x'għandu jiddiskuti dan il-Kumitat, li minbarra l-artikoli 46 u 53 ta' dan l-istess Att jagħmel referenza wkoll għal kull ħaġa li tista' tiġi riferuta lilu skont taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. Kien għalhekk li s-Sedja għamlet l-istess eżerċizzju u rat fejn f'dan l-Att issir referenza għall-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Is-Sedja tinnota li tali referenza tinstab fl-artikolu 31 u nikkwota:

> "31. Il-Ministru għandu jirreferi dawn li ġejjin lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp:
> (a) kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew skartat;
> (b) l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent u r-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent;
> (ċ) kull rapport, pjan jew *policy* oħra skont ma l-Ministru jqis li hu meħtieġ:
> Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jipprepara stqarrija ta' pożizzjoni fil-perijodu stipulat fl-Att tal-Ippjanar, il-Ministru responsabbli mill-Ambjent għandu jagħmel talba formali lill-Kamra biex jiddiskuti din l-Istrateġija, pjan jew *policy*."

Is-Sedja tinnota li mir-referenzi li saru hawn fuq għall-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u għall-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, joħroġ ċar liema huma dawk il-materji li jista' jiddiskuti l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Fil-kunsiderazzjoni tagħha s-Sedja għamlet referenza wkoll għal dak li jgħid l-*Erskine May* dwar il-materja inkwistjoni. Qed issir għal paġna 806 tal-24 Edizzjoni tal-*Erskine May* u nikkwota:

> "*The House may give a select committee authority to extend its inquiries beyond the limits laid down in the order of reference by means of an instruction or by resolving to or referring a matter to the committee. Such an instruction may be either mandatory,*

*or permissive. Instructions may also restrict the scope of a committee's inquiry or limit its powers*."

Dan jirrifletti dak li diġà rrimarkat is-Sedja fir-*rulings* fuq ċitati, u ċjoè li biex tiġi estiża l-mansjoni ta' Kumitat Parlamentari jeħtieġ li jkun hemm riżoluzzjoni tal-Kamra li fil-fatt testendi tali mansjoni.

F'paġna 911 tal-istess edizzjoni tal-*Erskine May* insibu dan li ġej:

"*A joint committee has only such authority and can exercise only those powers which have been given it by both Houses*."

Is-Sedja qiegħda għaldaqstant tiddeċiedi illi l-mansjoni tal-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp hija ben definita u ċirkoskritta bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent ċitati f'dan ir-*ruling*, liema dispożizzjonijiet jitkellmu ċar dwar liema materji għandhom jiġu kkunsidrati mill-Kumitat u wkoll x'azzjoni għandu jieħu l-Kumitat fir-rigward. *Ubi lex voluit, dixit*. Huwa għalhekk li s-Sedja tara li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent ma jinkwadrawx fil-parametri tal-artikolu 60 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp li jwaqqaf il-Kumitat u jiddefinixxi x'jista' jiġi diskuss mill-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Ir-*ruling* huwa deċiż.